# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 66**

**Rikors numru 319/2020/1 RGM**

**Andrea Stellato**
***v.***
**Avukat tal-Istat u Lorenza *sive* Lora Gauci**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fit-28 t'April 2022 li sabet li l-applikazzjoni tal-liġijiet li jikkontrolaw il-kera tikser d-drittijiet fundamentali tiegħu mħarsa bl-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Europea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] u bħala rimedju ordnat lill-Avukat tal-Istat sabiex iħallas lill-attur disa' mija u euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€901.22) bħala danni. L-aggravju tal-attur jolqot il-*quantum* tad-danni

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk minn l-ewwel qorti:

»Ir-rikorrent huwa propjetarju tal-fond … Raħal Ġdid u dan wara li wiret sehem minn tlieta mingħand il-ġenituri tiegħu Edoardo u Maria Lourdes konjuġi Stellato li mietu fid-29 t'April 1988 u 4 ta' Jannar 2020 rispettivament. Fid-19 ta' Diċembru 2020 in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dott. Hugh Grima akkwista sehem ħutu mill-istess fond.

»Il-fond kien oriġinarjament mikri lill-omm l-intimata Lorenza *sive* Lora Gauci u *cioè* lil Teresa Gauci u wara l-mewt tagħha l-kirja għaddiet għand l-intimata Gauci. Dan il-fond ilu mikri lill-familja Gauci għal madwar 80 sena bil-kera fil-bidu kienet ta' Lm4.25 fis-sena u fis-sena 1990 il-kirja ġiet awmentata għal Lm17 fis-sena. Bis-saħħa tal-Att X tal-2009, mill-1 ta' Jannar 2010 il-kera żdiedet għal €185 fis-sena u baqgħet togħla kull tliet snin sabiex fis-sena 2019, meta ġiet intavolata l-azzjoni, l-intimata Gauci kienet tħallas il-kera ta' €209 fis-sena.«

3. L-attur għalhekk li feħaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

»1. tiddikjara … illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimata Lorenza *sive* Lora Gauci għall-fond … u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti *inter alia* fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u b'hekk … ir-rikorrenti għandha tingħata r-rimedji kollha li din il-qorti jidhrulha xierqa fis-sitwazzjoni;

»2. tiddikjara … illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta talli ma nżammx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà in kwistjoni wkoll *ai termini* tal-liġi;

»3. tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti…;

»4. tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni likwidati … bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.

»Bl-ispejjeż … … …«

4. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

»1. preliminarjament … ir-rikorrent għandu jindika meta ġiet stabbilita l-allegata kirja u dan sabiex jiġi stabbilit minn meta bdiet ir-relazzjoni lokatizja mal-intimata Gauci;

»2. … … … it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda *in toto* peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt … … …;

»… … …

»7. … … … jekk din il-qorti ssib li hemm xi ksur, din l-istess qorti għandha, jekk tkun ħa tagħti xi kumpens, tagħti dan l-istess kumpens in proporzjoni mal-fatti tal-kawża odjerna hekk kif iridu għadhom jiġu

provati mir-rikorrent stess, inkluż illi r-rikorrent wiret l-fond in kwistjoni b'mod riċenti;

»… … … bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.«

5. L-intimata Lorenza Gauci ressqet dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

»… … …

»4. l-istess rikorrent tant kien kuntent bis-sitwazzjoni illi, ftit jiem qabel intavola l-kawża odjerna, xtara ż-żewġ terzi l-oħra tal-fond mikri lill-esponenti, li ma kinux jappartjenu lilu;

»...

»6. l-intimata għandha titolu validu fil-liġi *stante* illi l-istess rikorrent kompla u aċċetta din il-kirja mingħand l-esponenti, u żied is-sehem tiegħu fuq il-fond minn terz għal żewġ terzi;

»… … …«

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»1. tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent u minflok tiddikjara illi fiż-żmien rilevanti u *cioè* bejn Jannar 2020 u Diċembru 2020 Kapitolu 69 kien jagħmilha diffiċli u ħaġa x'aktarx inċerta għar-rikorrent li jieħu lura l-pussess tal-fond … … …;

»2. tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara illi fil-konfront tar-rikorrent l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kapitolu 69 u tal-Att X tal-2009 fiż-żmien rilevanti fuq stabbilit ġie leż id-dritt fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

»3. tilqa' it-tielet talba billi tiddikjara illi l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrent fiż-żmien rilevanti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kapitolu 69 u l-Att X tal-2009 talli ma nżammx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin;

»4. tillikwida d-danni pekunjarji fis-somma ta' disa' mija u wieħed euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€901.22);

»5. tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrent is-somma imsemmija ta' disa' mija u wieħed euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€901.22) rappreżentanti d-danni pekunjarji fuq likwidati.

»Spejjeż tar-rikorrenti u tal-intimat Avukat tal-Istat jibqgħu bla taxxa filwaqt li l-ispejjeż tal-intimata Lorenza Gauci a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat.«

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha safejn rilevanti għall-appell huma dawn:

»Allegat leżjoni tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea

»… … …

»Peress li l-kawża odjerna ġiet intavolata fit-28 ta' Diċembru 2020, għall-finijiet tad-deliberazzjoni dwar l-allegat ksur tad-dritt konvenzjonali, il-qorti ser tikkonsidra l-posizzjoni legali viġenti sal-jum li fih ġiet intavolata l-kawża.

»... … …

»*Inoltre*, b'referenza għal dak li ingħad mill-Avukat tal-Istat fejn bl-introduzzjoni tal-artikolu 4A fil-Kapitolu 69 kif ġie promulgat bl-Att XXIV tal-2021, is-sid jista' jitlob l-iżgumbrament tal-inkwilin jew l-awment tal-kera, din il-qorti tikkunsidra li bħall-artikolu 12B tal-Kapitolu 158, l-artikolu 4A jagħti l-possibilità lil kull persuna li qiegħda fl-istess sitwazzjoni tar-rikorrent li titlob lill-Bord li Jirregola l-Kera jiffissa l-kera f'ammont li jkun sa tnejn filmija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, bil-possibilità wkoll li l-bord jaċċetta d-dħul ta' kundizzjonijiet ġodda li jirregolaw dan il-ftehim ta' kirja kif ukoll li jiġi revedibbli kull sitt (6) snin. Il-bord huwa obbligat jagħmel *test* tal-mezzi sabiex jara jekk l-inkwilin jissodisfax il-kriterji sabiex ikompli fil-kirja jew le.

»Huwa paċifiku illi t-talbiet li jsiru mis-sidien bis-saħħa ta' dan l-artikolu tal-liġi jkollhom effett mis-sena meta jiġi intavolat ir-rikors u għalhekk ma jindirizzax allegazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fundamentali li jkun seħħ anteċedentement. Dawn l-emendi daħlu fis-seħħ mill-1 ta' Ġunju 2021 fil-mori tal-kawża odjerna u għalhekk meta ġiet intavolata din l-azzjoni r-rikorrent ma kellux dan ir-rimedju għad-dispożizzjoni tiegħu. Din il-qorti tqis ukoll li l-artikolu 4A ma joffri l-ebda rimedju retroattiv għas-sitwazzjoni li r-rikorrent kien jinsab fiha qabel l-introduzzjoni tal-imsemmi artikolu.

»... ... ... Il-liġi, qabel l-emendi li ġew promulgati bl-Att XXIV tal-2021, ma kienet tipprovdi l-ebda rimedju effettiv kontra l-ilment ġustifikat tar-rikorrent.

»... … …

»Rimedju: Kumpens

»Ma hemm ebda dubju li *in vista* tal-fatt li r-rikorrent sofra piż sproporzjonat meta ġie mċaħħad mit-tgawdija tal-proprjetà tiegħu kawża tal-applikazzjoni tal-provedimenti kollha relevanti tal-kera fiż-żmien rilevanti, huwa għandhu jingħata rimedju xieraq.

»… … …

»Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu r-rikorrent talab li r-rimedju akkordat ikopri l-perjodu mis-sena 1987 sas-sena 2021.

»Appena huwa neċessarju jiġi sottolineat illi hawn *si tratta* ta' kawża kostituzzjonali dwar leżjoni tad-dritt fundamentali tal-bniedem reklamata mir-rikorrent u mhux minn persuni oħra. Is-sejbien ta' ksur ta' dritt fundamentali jimporta leżjoni ta' dritt fundamentali ta' persuna identifikata fil-proċedura ġudizzjarja.

»Dak li jirriżulta mill-atti huwa illi l-fond *de quo* inxtara mill-ġenituri tar-rikorrent fit-2 ta' April 1969. Missier ir-rikorrent, sid nofs indiviż tal-fond *de quo,* miet fil-1988. Ir-rikorrent kien wieħed minn tliet werrieta u

għalhekk wiret sest ($^1/_6$) indiviż tal-fond *de quo* filwaqt li ommu kellha l-użufrutt fuq l-istess. Omm ir-rikorrent mietet fl-4 ta' Jannar 2020.

»Għalhekk jirriżulta:

»i) illi qabel April 1988 ir-rikorrent ma kellux possediment tal-fond *de quo*;

»ii) illi bejn April 1988 u Jannar 2020 kellu biss sest ($^1/_6$) indiviż tal-fond *de quo* filwaqt li fl-istess perijodu d-dritt esklussiv tat tgawdija tal-fond kien jispetta unikament lill-ommu,;

»iii) illi wara l-4 ta' Jannar 2020 sar is-sid ta' terz ($^1/_3$) indiviz tal-fond *de quo*, bl-isħma indiviżi l-oħra f'idejn ħutu;

»iv) illi bis-saħħa ta' kuntratt tad-19 ta' Diċembru 2020 ir-rikorrent sar is-sid uniku tal-fond *de quo* wara li akkwista ż-żewġ terzi ($^2/_3$) l-oħra mingħand ħutu; u

»v) illi disat (9) ijiem wara li sar is-sid uniku tal-fond *de quo* intavola l-kawża odjerna.

»Għaldaqstant, sa disat ijiem qabel l-intavolar ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent ma kienx l-uniku sid tal-fond. *Inoltre* din il-qorti tqis li huwa ma sarx is-sid tal-fond *de quo* b'diviżjoni iżda bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku ta' xiri u bejgħ.

»Din il-qorti tirrikonoxxi illi l-ġurisprudenza tal-qrati Maltin, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza tal-qorti ta' Strasburgu, żviluppat b'ritmu mgħaġġel fl-aħħar 30 sena b'deċiżjoni fejn id-drittijiet fundamentali tas-sidien ġew dejjem aktar rikonoxxuti u mogħtija l-protezzjoni li jixirqilhom; però dan dejjem fil-parametri tal-liġi.

»Fil-fehma tal-qorti mhux legalment konsentit illi persuna tixtri fond ġà mikri u tfittex immedjatament għal dikjarazzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali għall-perijodu antecedenti l-akkwist. Intqal illi "*reparations should not make the victims or their successors either richer or poorer*". L-iskop ta' riparazzjoni monetarja fl-isfond ta' ksur ta' dritt fundamentali tal-bniedem huwa illi l-leżjoni tiġi newtralizzata sa fejn possibbli billi t-telf finanzjarju reali li l-vittma tkun soffriet jitħallas mill-istat. Huwa preżunt illi min konsapevolment jixtri proprjetà gravata b'kirja protetta ma jkunx ħallas għall-akkwist ta' dik il-proprjeta daqslikieku l-proprjetà ġiet akkwistata bil-pussess vakanti. Fil-fatt fil-każ odjern huwa evidenti illi meta r-rikorrent akkwista l-fond in kwistjoni kien ben konsapevoli illi l-fond kien okkupat minn inkwilin b'kirja protetta. Is-sehem rimanenti f'Diċembru 2020 ir-rikorrent akkwistah għal prezz ta' €120,000. Il-perit tekniku stima l-valur tal-fond għas-sena 2020 fis-somma ta' €260,000!

»Sitwazzjoni simili ġiet trattata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża Perit Ian Cutajar *et v.* Avukat Ġenerali llum Avukat tal-Istat *et* (rik. kost. 14/2018) deċiża fis-6 ta' Ottubru 2020:

> »"Is-sofferenza li sofrew l-atturi ma setgħetx kienet kbira, iktar u iktar meta kienu jafu li qegħdin jixtru fond soġġett għall-kirja antika bi prezz ferm favorevoli."

»Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-qorti hija tal-fehma li fil-każ odjern, tenut kont illi sal-4 ta' Jannar 2020 huwa kien sid ta' sest ($^1/_6$) indiviż biss tal-fond mingħajr dritt li jgawdi dak is-sehem indiviż tenut kont li sa dik id-data omm ir-rikorrent kellha l-użufrutt tal-fond, il-

qorti tqis illi kien biss mill-4 ta' Jannar 2020 meta allura ġie fi tmiemu l-użufrutt tal-omm filwaqt li r-rikorrent fl-istess data sar sid ta' terz indiviż tal-fond b'wirt li huwa seta' jilmenta li kien qed jiġi leż id-dritt tiegħu ta' dgawdija tal-fond *de quo* u dan dejjem fi kwota ta' terz indiviż tal-fond u mhux tal-fond kollu tenut kont li ż-żewġ terzi l-ohra kienu intirtu minn ħutu li ma humiex parti f'dawn il-proċeduri.

»Il-qorti hija tal-fehma soda illi leżjoni ta' dritt fundamentali ma jista' qatt jekwipara ruħu daqs li kieku kien xi investiment finanzjarju.

»Għalhekk tqis illi r-rikorrent jikwalifika bħala vittma fit-termini tal-Konvenzjoni b'effett mill-4 ta' Jannar 2020 sat-28 ta' Diċembru 2020, id-data tal-preżentata tal-kawża odjerna u dan dejjem fir-rigward ta' terż indiviż tal-fond de quo.

»Likwidazzjoni tad-danni pekunjarji

»Fuq talba tar-rikorrent il-qorti ħatret lil Perit Michael Lanfranco sabiex jirrelata dwar il-valur lokatizzju fis-suq tal-fond mertu tal-kawża u fuq talba tal-istess rikorrent inkarigatu sabiex il-perijodu tal-valur lokatizzju ikkonsidrat ikun bejn is-sena 1987 u s-sena 2020.

»Għas-sena 2020 il-valur lokatizzju stabbilit mill-perit rekniku huwa ta' €2,773.33 filwaqt li l-kera dovut skond il-liġi kien ta' €70,00, differenza ta' €2,703.66. Stante li fiż-żmien rilevanti, u *cioè* minn Jannar 2020 sa Diċembru 2020 ir-rikorrent kien jipposjedi terz ($^{1}/_{3}$) biss tal-fond *de quo*, il-kumpens li qed jiġi likwidat favur tiegħu huwa terz tas-somma imsemmija ta' €2,703.00 u *cioè* disa' mija u wieħed euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€901.22) filwaqt li fiċ-ċirkostanzi ma tqisx li huwa indikat danni non-pekunjarji tenut kont iż-żmien qasir tal-leżjoni misjuba u s-sehem indiviż tal-fond appartenenti lir-rikorrent fiż-żmien rilevanti.

»Spejjez tal-kawża

»Il-qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ ir-rikorrent u l-intimat Avukat tal-Istat għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż rispettivi tagħhom u għalhekk ikunu bla taxxa, filwaqt li fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet <u>Paul Farrugia *v.* Avukat tal-Istat *et*</u> (rik. kost. 148/2020) mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2021, il-qorti serja tordna li l-ispejjeż tal-intimata Gauci għandhom jitħallsu mill-Avukat tal-Istat.«

8. L-attur appella b'rikors tas-6 ta' Mejju 2022 li għalih wieġbu l-Avukat tal-Istat fid-19 ta' Mejju 2022 u l-intimata Gauci fil-5 ta' Lulju 2022.

9. L-appell jolqot il-*quantum* ta' kumpens likwidat mill-ewwel qorti, u ġie mfisser hekk:

»… … … huwa bħala eredi ta' Eduardo Stellato u Maria Lourdes Stellato, li mietu rispettivament fl-1988 u 2020, għandu dritt jitlob il-kumpens kollu li l-ġenituri tiegħu, ħutu u huwa tilfu tul iż-żmien, ġaladarba l-fond ġie lilu assenjat, tul iż-żmien kollu tal-okkupazzjoni ta'

Lorenza Gauci *ai termini* tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

»Għalhekk mhux minnu illi huwa l-possediment kien minn Jannar 2020 sa Diċembru 2020 tal-fond in kwistjoni, għax huwa bħala eredi tal-ġenituri tiegħu daħal fiż-żarbuna tagħhom u jista' jitlob l-kumpens kollu għall-perijodu sħiħ li l-ġenituri tiegħu tilfu minħabba l-operazzjoni tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Jekk l-appellant ... huwa responsabbli biex jħallas id-djun kollha tal-mejta ġenituri tiegħu, hekk ukoll għandu huwa jirċievi l-krediti kollha li talvolta kienu dovuti mill-eredità tal-mejta ġenituri tiegħu, ġaladarba l-fond in kwistjoni issa huwa proprjetà assoluta tiegħu.

»… … …

»Skond ir-rapport tal-Perit Michael Lanfranco l-kera annwali tal-fond fis-suq miftuħ fl-1987 kien ta' €729 fis-sena, fis-sena 1992 sar €1,195, fis-sena 1997 sar €2,134, fis-sena 2002 sar €2,856, fis-sena 2007 sar €5,143, fis-sena 2012 sar €4,647, fis-sena 2017 sar €6,757 fis-sena, fis-sena 2020 sar €8,320 u baqa' hekk sallum.

»Għalhekk kif dedott mir-rapport tal-Perit Michael Lanfranco l-ammont komplessiv tal-kirja tal-fond fis-suq miftuħ mis-sena 1987 sas-sena 2020 tammonta għal-ċifra komplessiva ta' €125,625.

»Din hija inġustizzja skjaċċanti u lampanti meta ir-rikorrenti kellhom jirċievu €125,625 u effetivament irċivew tul iż-żmien €3,290 biex b'hekk huma sofrew telf ta' €122,335 li m'għandhiex tiġi qatt aċċettata f'soċjetà demokratika għax ma nżammx il-bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin u għalhekk hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tas-sidien *ai termini* tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif ripetutament ġie stabbilit minn dawn il-qrati.

»… … …

»Kif qatt jista' jkun hemm bilanċ f'dawn id-drittijiet meta s-sid qed jirċievi €209 mingħand l-inkwilina meta l-valur lokatizju tal-fond huwa llum €8,320?

»Ir-rikorrenti jippretendu illi l-kumpens li l-Avukat tal-Istat għandu jħallas għal din it-tali okkupazzjoni li l-atturi kellhom jissokkombu għaliha mhux volontarjament għandha tkun kompensata b'*just satisfaction ossia* billi jirċievi d-differenza fil-kera bejn dak li suppost huwa kellu jirċievi fis-suq kieku huwa kien liberu biex huwa jikri l-fond fl-istess suq u dak li effettivament kienu qed jirċievu mingħand l-okkupanta.

»… … …

»L-esponenti jħossu illi billi huma kellhom jirċievu kera ta' €125,625, skond il-prinċipju ta' *restitutio in integrum* huma intitolati jirċievu l-istess ammont imnaqqas il-kera li ġia tħallset u *cioè* għandu jitnaqqas l-ammont ta' €3,290 bħala kera li effettivament kienet imħallsa. Din id-differenza tammonta għal €122,335.

»Għalhekk it-telf bħala danni, liema ammont, jekk jiġi diminwit minn din il-qorti … m'għandux ikun inqas minn €64,495.01, sabiex ikun jikkombaċja mal-ammont ta' danni mogħti f'kawżi oħra simili, iktar u iktar meta dan l-aħħar dawn il-qrati għollew bil-bosta l-*quantum* ta'

kumpens li qed jingħata f'kawżi ta' din ix-xorta, u dan sabiex jersqu viċin ta' dak li ilha tisħaq il-Qorti Ewropea li għandu jiġi likwidat.

»… … …

»… … il-Qorti Kostituzzjonali irreteniet fil-kawża Carmel *sive* Charles Sammut *v.* Maria Stella Dimech *et*, deċiża fis-26 ta' Mejju 2021, fuq l-insenjament ta' Cauchi *v.* Malta deċiża fil-25 ta' Marzu 2021 illi d-danni li jridu jiġu ikkalkulati mhux biss għaż-żmien li kienu sidien ir-rikorrenti odjerni iżda ukoll għaż-żmien meta l-antekawża *ossia* mingħand min wirtu soffrew dik it-tali leżjoni, għalhekk għaż-żmien kollu tal-intralċ.

»… … … l-appellanti għandu jirċievi d-dannu kollu tul il-ħajja tal-ġenituri tiegħu Edoardo Stellato u Maria Lourdes Stellato, u dan għall-perijodu kollu tal-kirja minn meta Malta saret firmatarja tal-Konvenzjoni Ewropea *ossia* l-11 ta' Awwissu 1987 sal-preżentata tar-rikors odjern.

»… … …

»Għalhekk ir-rikorrent għandhu jirċievi d-dannu kollhu minnhu sofferit ta' missieru u ommu u dan *stante* illi huwa ko-eredi tagħhom flimkien ma ħutu … … …

»Dan il-kumpens għandu jitħallas *oltre* d-danni morali b'dan illi dan il-kumpens għandu jitħallas mill-Avukat tal-Istat flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna, *cioè* mit-28 ta' Diċembru 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

»… … …

»… … ... l-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura għandhom jiġu sopportati mill-intimat Avukat tal-Istat.«

10. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

»Permezz ta' dawn il-proċeduri din il-qorti qiegħda tintalab, mill-appellant Stellato, tirriforma s-sentenza tal-ewwel qorti billi tiddikjara li l-ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-appellant ma kienx limitat biss għall-perjodu bejn Jannar 2020 u Diċembru 2020 iżda għandu jkopri l-perjodu mill-11 ta' Awwissu 1987 sal-preżentata tar-rikors promotur u *cioè* t-28 ta' Diċembru 2021, fliema perjodu r-rikorrent ma kinx la l-użufrutwarju u bil-wisq anqas is-sid tal-post unikament.

»L-esponent qiegħed jippretendi li l-kumpens mogħti lilu għandu jitla' minn disa' mitt euro għall-ammont ta' disgħa u sebgħin elf euro.

»L-appellant jitlob ukoll illi l-esponent appellat iħallas l-ispejjeż inkluż tal-perizja;

»L-esponent ma jaqbilx mal-aggravju tal-appellant *stante* li fl-essenza tiegħu dak li qiegħed jitlob l-appellant huwa li jiġi kkumpensat għall-ksur li ma ġarrabx hu hekk kif ser jiġi spjegat;

»Risposta għall-Aggravju

»Primarjament l-esponent jissottolinea illi din il-qorti għanda tiegħu in konsiderazzjoni s-segwenti tabella fejn tispjega x'sehem kellu tal-appellant Stellato matul il-perjodu 1987-2020:

| | 1987-09/03/2020 | 04/02/2020-18/12/2020 | 19/12/2021 |
|---|---|---|---|
| Andrea Stellato | Sid ta' sest permezz ta' wirt mingħand missieru | Sar sid ta' terz permezz ta' wirt mingħand ommu | Akkwista permezz ta' kunratt ta' bejgħ mingħand ħutu sabiex sar is-sid uniku tal-propjeta' |
| Oħtu 1 | Sid ta' sest permezz ta' wirt mingħand missierha | Saret sidt ta' terz permezz ta' wirt mingħand ommha | |
| Oħtu 2 | Sid ta' sest permezz ta' wirt mingħand missierha | Saret sidt ta' terz permezz ta' wirt mingħand ommha | |
| Ommu | Sid ta' nofs u tgawdi l-użufrutt | | |

»… … …

»Is-sehem li hu xtara mingħand ħutu

»L-appellant donnu jippretendi illi huwa għandu jiġi kkumpensat għall-dawk l-ishma li huwa xtara mingħand ħutu fl-2020. B'dan l-argument l-appellant Stellato qiegħed jittenta jgħid illi huwa jista jixtri l-*victim status* li seta' kellhom ħutu;

»Wieħed għandu jżomm ferm f'moħħu d-distinzjoni bejn d-drittijiet ċivili u l-jeddijiet fundamentali. Il-kunċett ta' trasferiment ta' dritt litiġjuż joħroġ mill-artikoli 1469 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Skond l-istess artikoli, wieħed jista' jċedi jew ibigħ il-jeddijiet li hu għandu, inkluż s'intendi l-jedd litiġjuż, bi ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd u fuq il-prezz. Difatti, kemm-il darba jiġri illi, fi proċeduri ċivili, issir il-leġittimazzjoni tal-atti in segwitu għal bejgħ ta' proprjetà għaliex is-sid il-ġdid ikollu l-interess ġuridiku illi jkompli b'dik il-kawża filwaqt li s-sid preċedenti ma jkollux aktar interess ikompli bl-istess;

»Madankollu, fl-ambitu ta' proċeduri kostituzzjonali, il-ġurisprudenza tgħallimna illi l-interess ġuridiku huwa ibbażat fuq dak li jissejjaħ il-*victim status* u għaldaqstant, sabiex wieħed jista' validament iressaq ilment kostituzzjonali u, jew konvenzjonali, wieħed għandu neċessarjament ikollu *victim status.* Fl kliem ieħor, wieħed għandu juri a sodisfazzjoni ta' din il-qorti illi xi att jew ommissjoni da parti l-istituzzjonijiet governattivi tal-pajjiż b'xi mod illeda d-drittijiet fundamentali tiegħu. Dan huwa element kruċjali li għandu jiġi stabbilit *ab initio*.

»Dak li qiegħed jippretendi r-rikorrenti fl-aħħar mill-aħħar huwa li peress li xtara s-sehem mill-fond allura xtara wkoll il-*victim status*. Fi kliem ieħor, hu qed jgħid illi wieħed jista' jixtri jew jittrasferixxi drittijiet fundamentali, argument li ma jsib ebda sapport fil-ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea. Id-dritt fundamentali huwa dritt personali li ma jistax jiġi trasferit minn persuna għal oħra.

»… … …

»Fuq kollox il-qrati tagħna diġà provdew li. fejn hemm akkwist permezz ta' kuntratt ta' xiri, il-perjodu li jrid jittieħed in konsiderazzjoni huwa mid-data tax-xiri, *vide* Stephen Inguanez *et v.* l-Avukat tal-Istat *et* (deċiża 02/12/21) Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u *T.S.L. Tourism Services Limited v.* Avukat tal-Istat *et* (deċiża 03/05/2022) Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).

»Is-sehem ta' ommu

»Mill-provi in atti u proprju minn ħarsa lejn id-dikjarazzjoni *causa mortis* li ġiet ippreżentata flimkien mar-rikors promotur jidher li s-sehem ta' ommu tal-fond soġġett għall-kirja in mertu għadda għand l-appellant fl-2020 wara l-mewt ta' ommu. Imkien fl-atti ma hemm prova li l-appellant kellu xi jedd għat-tgawdija tal-fond suġġett għall-kirja in kontestazzjoni qabel ma ommu ġiet nieqsa anzi ommu kienet tgawdi hi stess il-jedd ta' użufrutt fuq l-istess fond. *Quod non est in actis non est in mundo* u għaldaqstant l-ewwel qorti kellha raġun tgħid li, qabel ma kellu it-titolu, ir-rikorrent *qua* appellant ma kellux jedd għat-tgawdija tal-fond.

»Jekk qabel il-mewt ta' ommu l-appellant ma kellux it-titolu u wisq anqas jedd li jgawdi dak is-sehem fil-proprjetà in kwistjoni, allura l-appellant ma seta' qatt fattwalment iġarrab ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu *qua* propjetarju. Jekk kien hemm xi kirja li kienet 'sfurzata' fuq ir-rikorrent, din kienet mid-data li r-rikorrent kellu jedd fuq it-tgawdija tal-fond u *cioè* hekk kif il-fond iddevolva fuqu wara l-mewt ta' ommu fis-sehem li sar jappartjeni lilu u fuq il-kumplament minn meta akkwista permezz ta' xiri l-ishma li preċedentement kienu jappartjenu lill-ħutu;

»… … …

»Bla ħsara għall-premess, għandu wkoll jiġi senjalat li minn imkien fit-talbiet promossi fir-rikors kostituzzjonali ma jirriżulta li r-rikorrent hawn appellant talab lill-ewwel qorti sabiex issib ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-awtur fit-titolu tiegħu;

»Mingħajr l-ebda preġudizzju, jekk din il-qorti tersaq lil hinn minn dak li ddeċidiet l-ewwel qorti, *oltre* illi jekk ser tagħti xi kumpens non-pekunarju, dan għandha ttih skond ma jistħoqqu l-fatti odjerni, u *cioè* hi għandha tagħti biss terz tad-dannu pekunarju pretiż mill-appellant (*circa* għoxrin elf). *Di più* u tenut kont dan huwa r-rikorrent ma soffra l-ebda dannu morali.«

11. Il-konvenuta Gauci wieġbet illi l-appell jolqot il-*quantum* tad-danni, mhux min għandu jħallashom; għalhekk, safejn l-ewwel qorti ikkundannat biss lill-Avukat tal-Istat u mhux lilha, is-sentenza għandha tiġi konfermata.

12. Safejn igħid illi, bħala werriet universali ta' sehem mill-ġid tal-ġenituri tiegħu, huwa jkompli l-personalità tagħhom u jgawdi d-drittijiet li kellhom fuq dak is-sehem, l-attur appellant qiegħed igħid sew: id-*dies a quo* għall-

għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni patrimonjali m'għandux ikun meta l-attur wiret il-proprjetà iżda kif imfisser minn din il-qorti fis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2023 *in re* <u>Godwin Montanaro *et v.* Avukat Ġenerali *et*</u>[1]:

> »11. … … … Huwa biss il-kumpens non-pekunjarju li ma jintiritx. Telf pekunarju jintiret. Dan għaliex bħala suċċessuri universali, il-werrieta jġarrbu d-danni direttament meta l-patrimonju li jirtu jkun anqas milli kien ikun li kieku dak il-patrimonju ma ġarrabx dawk id-danni. Ir-rikorrenti wirtu mhux tant id-dritt fundamentali tal-awturi fit-titolu tagħhom, iżda d-danni patrimonjali billi l-patrimonju li wirtu kien anqas milli kien ikun li kieku f'dak il-patrimonju daħlet il-kera b'rata kummerċjali flok b'rata kontrollata.«

13. Il-fond kien tal-awturi tal-attur sa minn qabel it-30 t'April 1987, meta daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"], u dak iż-żmien ġà kien mikri lill-konvenuta Gauci jew lill-awturi tagħha. Id-*dies a quo* għall-għanijiet ta' likwidazzjoni ta' danni pekunjarji għalhekk għandu jkun l-1 ta' Mejju 1987.

14. Safejn iżda jippretendi li "għandu dritt jitlob il-kumpens kollu li l-ġenituri tiegħu, ħutu u huwa tilfu", l-attur ma għandux raġun. Huwa wiret biss sehem minn tlieta ($^1/_3$) tal-ġid tal-ġenituri u għalhekk ġarrab biss sehem minn tlieta ($^1/_3$) tat-telf.

15. Tassew illi fid-19 ta' Diċembru 2020 l-attur kiseb sehem ħutu b'titolu ta' aljanazzjoni u mhux ta' qsim ta' wirt, iżda l-fatt illi l-fond kien soġġett għal kiri kontrollat huwa ġà rifless fil-prezz tal-akkwist u, għallinqas għall-ewwel snin wara l-akkwist, it-telf fil-kera li jġarrab l-attur huwa biżżejjed paċjut mal-prezz imnaqqas li ħallas. Bejn Diċembru 2020 u d-dħul fis-seħħ tal-

---

[1] Rik. kost. nru 118/2019; ara wkoll <u>Mario Carmelo Pace *et v.* Avukat tal-Istat *et*</u>, Kost. 30/11/2022 (rik. kost. nru 126/2021).

emendi għall-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini ["Kap. 69"] ma għaddiex żmien biżżejjed biex tista' tgħid illi t-tpaċija ma tibqax isseħħ.

16. Meqjusa dawn il-fatturi kollha, u meqjusa wkoll il-kriterji tal-każ ta' Cauchi[2], il-kumpens pekunjarju xieraq ikun ta' dsatax-il elf u tmien mitt euro (€19,800) kif imfisser fl-Iskeda A mehmuża ma' din is-sentenza biex titqies parti minnha.

17. Meta tqis illi, sa meta ġiet nieqsa l-omm fl-2020, l-attur ma ġarrab ebda telf peress illi l-omm kellha l-użufrutt, ma huwiex il-każ li jingħata wkoll danni non-patrimonjali.

18. L-imgħaxijiet fuq id-danni patrimonjali għandhom jibdew igħaddu b'seħħ minn mit-28 t'April 2022, dakinhar tas-sentenza appellata.

19. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn illikwidat danni ta' disa' mija u euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€901.22) u, minflok, tillikwida d-danni fis-somma ta' dsatax-il elf u tmien mitt euro (€19,800) bl-imgħaxijiet legali mit-28 t'April 2022); tikkonfermaha fil-bqija.

20. L-ispejjeż tal-ewwel grad iħallashom l-Avukat tal-Istat; dawk tal-appell jinqasmu hekk: żewġ ishma minn tlieta (2/3) jħallashom l-attur u s-sehem l-ieħor minn tlieta (1/3) jħallsu l-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur

2 Cauchi *v.* Malta (rik. 14013/19), Q.E.D.B. 25 ta' Marzu 2021

## Skeda A

| | Kera fis-suq | Kera kontrollat | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1987 | 486.00 | 6.60 | * | | |
| 1988 | 729.00 | 9.90 | | | |
| 1989 | 729.00 | 9.90 | | | |
| 1990 | 729.00 | 39.60 | | | |
| 1991 | 729.00 | 39.60 | | | |
| 1992 | 1,195.00 | 39.60 | | | |
| 1993 | 1,195.00 | 39.60 | | | |
| 1994 | 1,195.00 | 39.60 | | | |
| 1995 | 1,195.00 | 39.60 | | | |
| 1996 | 1,195.00 | 39.60 | | | |
| 1997 | 2,134.00 | 39.60 | | | |
| 1998 | 2,134.00 | 39.60 | | | |
| 1999 | 2,134.00 | 39.60 | | | |
| 2000 | 2,134.00 | 39.60 | | | |
| 2001 | 2,134.00 | 39.60 | | | |
| 2002 | 2,856.00 | 39.60 | | | |
| 2003 | 2,856.00 | 39.60 | | | |
| 2004 | 2,856.00 | 39.60 | | | |
| 2005 | 2,856.00 | 39.60 | | | |
| 2006 | 2,856.00 | 39.60 | | | |
| 2007 | 5,143.00 | 39.60 | | | |
| 2008 | 5,143.00 | 39.60 | | | |
| 2009 | 5,143.00 | 39.60 | | | |
| 2010 | 5,143.00 | 185.00 | | | |
| 2011 | 5,143.00 | 185.00 | | | |
| 2012 | 4,647.00 | 185.00 | | | |
| 2013 | 4,647.00 | 197.32 | | | |
| 2014 | 4,647.00 | 197.32 | | | |
| 2015 | 4,647.00 | 197.32 | | | |
| 2016 | 4,647.00 | 201.39 | | | |
| 2017 | 6,757.00 | 201.39 | | -20% = | 89,261.60 |
| 2018 | 6,757.00 | 201.39 | | -30% = | 62,483.12 |
| 2019 | 6,757.00 | 209.90 | | naqqas | 2,989.33 |
| 2020 | 8,029.00 | 209.90 | | Jifdal | 59,493.79 |
| | 111,577.00 | 2,989.33 | | Sehem l-attur | 19,831.26 |

* tmien xhur

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm